# L-ARTI FIL KNISJA PARROKKJALI TA' L-IMSIDA

Il-Knisja parrokkjali tagħna nbniet fi tmiem is-seklu dsatax (1886-1891) fuq stil Neo-Barokk skond il-gosti tal-Maltin ta' dak iż-żmien. Dan l-istil kien speċl ta' reazzjoni kontra l-istil Neo-Klassiku li l-Imperu Ingliż kien jimponi fuq il-kolonji bħala espressjoni ta' qawwa u dominanza. Il-Maltin b'nostalġija, kienu ntrabtu ma' l-istil barokk u sa ċertu punt, dan l-istil għadna xi ftit marbutin miegħu fejn tidħol dekorazzjoni tal-knejjes. L-arkitett kien Andrea Grima (1855-1918) minn Ħal Luqa u li dik il-ħabta kien jgħix l-Imsida.Fit-tifsila tal-knisja tagħna wera li kellu sens qawwi ta' proporzjon u inġinerija stupenda. Is-sabiħ ta' din il-knisja, meta mqabbla ma' oħrajn eqdem minnha hu li nbniet bi pjanta waħda u bi stil wieħed. F'parroċċi oħrajn in-navi, u kultant il-koppla żdiedu wara u mhux dejjem armonizzaw sew mal-kumpless tal-bini.

Kemm mil-lat arkitettoniku, kif ukoll mid-dekorazzjoni li saru fiha fil-medda ta' l-aħħar mitt sena, nistgħu ngħidu li l-knisja ta' l-Imsida hija monument għall-arti sagra tas-seklu għoxrin. Bil-kemm kienet lesta l-istruttura tal-knisja, li l-Misidjani ħasbu biex jgħammruha b'dak kollu li hu meħtieg biex ma tkun xejn anqas minn parroċċi oħra ferm eqdem u bi tradizzjoniji twila warajhom. L-għażla ta' l-artisti dejjem saret bil-għaqal: l-aqwa skond iż-żmien u lkoll ħadmu u taw l-aqwa tagħhom biex jarmonizzaw bejniethom u jsebbħu dan il-post qaddis filwaqt li jkabbru l-fama tagħhom.

Ewlieni fosthom insibu lill-famuż Giuseppe Cali' li għandu konnessjoni ma' l-Imsida. Huwa kien innamra ma' ċerta Perigna Pace li kienet toqgħod fit-taraġ f'tal-Pieta'. Iżżewwiġha fil-Knisja tal-Kunċizzjoni fit-8 ta' Awissu 1871 u bħala tifkira rregala lill-parroċċa kwadru sabiħ ta' San Ġużepp mal-Bambin Ġesu', xogħol ta' Stefano Erardi. Dan il-kwadru llum jinsab fis-sagristija. Jgħidu li l-kwadru żgħir tad-Duluri ta' Marija li kien fin-niċċa tal-Pieta', impinġi minn Cali', huwa ritratt ta' Perigna meta kienet xebba.

Illum dan il-kwadru jista' jitgawda fis-sagristija wkoll. Fil-Knisja għ andna żewġ kwadri fuq l-altari ta' dan il-pittur li jirrappreżentaw żewġ fażijiet differenti tal-karriera tiegħu. Dak tar-Rużarju li pinġa fl- 1901 jirrapreżenta l-istil bikri, pjuttost akkademiku u oskur. Il-figuri kbar li jimlew il-kwadru maħdumin qishom blokki individwali b'kompożizzjoni li hija pjuttost riġida, iżda studjata tajjeb. Dik tal-Madonna tal-Karmnu, mill-banda l-oħra, jirrappreżenta l-istil propju tal-Cali' fejn jidhru l-kuluri karatteristiċi tiegħu u kompo żizzjoni aktar libera u movimentata.

Artist ieħor li ħadem ħafna fl-Imsida huwa Lazzru Pisani li donnu kien f'kompetizzjoni ma' Cali'. Xogħol importanti huwa dak ta' Ġesu' fl-agunija li minkejja li hu kwadru devot ħafna, artistikament huwa validu u oriġinali. Pisani poġġa l-figura ta' Kristu msallab fin-nofs, filwaqt li l-figuri l-oħra, minflok li poġġihom bħas-soltu quddiem il-Kurċifiss, jidhru f'ċirku madwaru. Il-kwadru ta' Sant'Anna u San Ġwakkin, ukoll huwa kwadru sabiħ li Pisani pinġa fl-1889. Jolqtok mill-ewwel is-sens ta' kalma li tiddomina l-persunaġġi qaddisa u l-istudju tajjeb ta' perspettiva li tispikka speċjalment fil-paviment iċċangjat. Dak ta' San Pawl (1891) ukoll għ andu ċerta oriġinalita'. San Pawl jidher isellem 'il-Maltin qabel it-tluq tiegħu u mhux in-nawfraġju. Pinġa wkoll il-kwadru ta' Sant'Antnin fl-1892. Pisani kien ritrattista tajjeb u għall-knisja tagħna ħallielna żewġ ritratti għeżież. Dak tal-Benefattur ewlieni Monsinjur Frangisku Falzon li ħallas għall-bini tal-knisja (għalhekk narawh bil-knisja warajh) u l-ieħor tal-maħbub kappillan Dun Andre Debono li kien ħadem ħafna biex isebbaħ din il-knisja.



*"L-Agunija"* ta' Lazzru Pisani

Michaele Corteggiani, Taljan, li kien ġie Malta bħala xenografu tat-Teatru Rjal, pitter tliet kwadri għall-knisja tagħna li kienu kkummissjonati minn Mons. Falzon. Il-kwadru titulari ta' San Ġużepp, jirrappreżenta l-qaddis xiħ ma' Ġesu' tfajjel fi sfond ta' xena dettaljata tal-kampanja. Il-kwadru huwa ħelu, iżda ma tantx fih preġji artistiċi. L-istess nistgħu ngħidu għat-tnejn l-oħra, jiġifieri dak ta' Santa Tereża li jirrappreżenta l-qaddisa ta' Omm Mons. Franġisku Falzo n u dak ta' San Franġisk, il-qaddis tiegħu.

Filwaqt li kienu qed jinħadmu dawn l-opri sbieħ ta' l-arti, saru wkoll diversi xogħlijiet madwar il-knisja, bħall-paviment ta' l-irħam li sar fl-1893, l-istatwa titolari fl-1892 li nġiebet minn Lecce fl-Italja u nħadmet mid-ditta Gucci u statwi oħra, il-kor xogħol ta' Mastru Wigi Bugeja fl-1909, l-artali ta' l-irħam, il-gallarija ta' l-orgni u bosta opri oħra li komplew isebbħu l-knisja.

Sinifikanti kien il-parrokat ta' Mons. Innocenz Zammit (1932-1956) li matulu saret ħidma intensiva biex it-tempju Misidjan ikun komplut. L-ewwel opra sinifikanti kienet l-antiporta l-kbira (1934) li hija interessanti minħabba l-istil tagħha li ma tantx huwa popolari fil-knejjes Maltin. L-istil "*liberty*" jidher fil-forma robusta u b'mod speċjali fl-anġli mpinġijin fuq il-loġġ tagħha. Wara tkompla l-pulptu billi żdiedet il-biċċa l-wieqfa mal-pilastru u tkabbar ftit. Opra sabiħa u importanti kien is-sett ta' 12-il gandlier u s-salib tal-altar maġġur (1936) li aktarx huma tad-disinjatur magħruf minn Ħal-Tarxien Emmanuel Buhagiar. Ta' l-istess awtur hija t-terħa rrakkmata tal-bellus li d-disinn iffirmat għadu fl-arkivju tal-parroċċa. Il-fjuretti sbieħ u fini tal-granutell huma ta' l-istess żmien.



"*Il-Mewt ta' San Ġużepp*" ta' Anton Inglott

Dun Innoċenz ukoll ta bidu għall-proġett kbir u ambizzjuż tad-dekorazzjoni u tal-pittura tas-saqaf tal-knisja. Mill-ewwel avviċina lil Anton Inglott, li kien għ adu kif ġie mill-istudju tiegħ u fl-Italja u kien joqgħod l-Imsida. Qabel mar għall-istudji tiegħu, Inglott kien għamel pittura ċkejkna ta' Santa Tereżina li minkejja li m'hijiex xi kapolavur, hija importanti għaliex turi l-ħila ta' Inglott li meta għamillha kien daqxejn ta' ġuvnott ta' sittax-il sena. Mid-dehra Inglott kellu jagħmel ix-xogħol kollu tas-saqaf, iżda jaħasra dan ma kellux ikun.

Fl-1945 beda b'entużjażmu x-xogħol fuq l-apside prinċipali li kellha tkun l-aħħar xogħol tiegħu għaliex ftit wara li nkixfet miet ħesrem ta' eta' żgħira. L-apside tagħna hija meqjusa bħala l-kapolavur ta' dan l-artist u fiha pinġa l-mewt ta' San Ġużepp bħala l-glorja tiegħu. Il-ġisem mejjet ta' San Ġużepp jidher eżaltat fin-nofs, bi Kristu b'idejn miftuħa bħallikieku biex iwasslu l-ġenna u bil-kori ta' l-anġli jassistu din ix-xena drammatika. Inglott ħejja wkoll xi abbozzi għall-kwadri prinċipali tas-saqaf, iżda wara mewtu dawn spiċċaw twaħħlu ma' l-armar tal-festa. Nisperaw li xi darba jinstab mod kif jiġu distakkati u miżmuma f'post xieraq.


Is-saqaf tal-Kor ta' Emvin Cremona

Wara l-mewt ta' Inglott, l-għażla waqgħet fuq l-artist żagħżugħ Envin Cremona li fl-1948 kompla d-dekorazzjoni tas-saqaf bl-apside ta' fuq l-orgni, imbagħad tal-kappelluni, il-kwadri tal-kor u s-saqaf.

Cremona li studja flimkien ma' Inglott, mhux biss irrispetta t-tonalita' tal-kuluri, iżda wkoll żviluppa stil li jikkumplimenta dak tal-kollega tiegħu. Ir-riżultat jista' jammirah kulħadd. Waqt li kien għaddej ix-xogħol tal-pittura sar ukoll xogħol ta' skultura fiċ-ċinta madwar il-knisja mis-Sur Salvu Azzopardi li ħadem b'xejn. Inbdiet ukoll iż-żebgħa tal-knisja fuq skala ta' kuluri ta' l-istess Cremona.


*"L-Inkarnazzjoni"* ta' Emvin Cremona

L-aħħar kwadri li saru fil-knisja kienu dawk ta' fuq in-niċeċ u l-bibien tas-Sagristija fil-kappelluni tal-Agunija u tar-Rużarju. Dawn saru bejn l-1976 u 1977 mill-pittur Għawdxi, il-Kav. Pawlu Camilleri Cauchi u li dak iż-żmien kien joqgħod l-Imsida, fi Triq il-Ġdida. Ma' dawn ħadem ukoll il-kwadri tal-Via Sagra li l-gwarniċ tagħha saru fl-1892 u li ġew indurat mill-ġdid.

L-inkoronazzjoni tal-proġett tad-dekorazzjoni tas-saqaf tal-knisja kellha tkun il-koppla. Kien hemm il-ħsieb li jpittirha l-Kav.Envin Cremona, iżda minħabba diversi raġunijiet dan ma seħħx. Għalhekk tnieda konkors u wara li ġew sottomessi l-abbozzi, ntgħażel is-Sur Raymond Pitre' li jiġi n-neputi ta' Anton Inglott. Sadanittant fl-1977 bdiet l-iskultura u d-dekorazzjoni tal-koppla mill-aħwa Agius tal-Qrendi fuq disinn ta' Ġuże' Galea tar-Rabat. Pitre' beda x-xogħol tiegħu fl-1981 u spiċċah fl-1982. Il-koppla tiegħu hija kunċett ġdid totalment li tispikka mas-saqaf ta' Cremona. Is-suġġett huwa l-glorja ta' San Ġużepp bil-virtujiet rappreżentati bħala nies komuni li qed jiġu lejh u jammirawh.

Hekk ix-xogħol ta' seklu sħiħ ta' ħafna nies li dejjem ħadmu biex isebbħu t-tempju tagħna jista' jiġi ammirat minna u mill-barranin li jżuruna speċjalment fil-jiem tal-festa. Id-dover tagħna llum hu li nieħdu ħsieb dan il-patrimonju. B'hekk biss nistgħu nuru rispett lil missirijietna li tant stinkaw u ħadmu bil-qalb. Forsi llum is-sempliċita' tqarribna aktar lejn Alla. Hawnhekk irid ikollok is-sempliċita li tammira x-xogħol ta' ħaddieħor u fih tilmaħ l-imħabba u d-devozzjoni ta' komunita' sħiħa. Is-sempliċita' vera teżisti fejn hemm l-armonija għaliex is-sabieħ huwa dejjem sempliċi fl-għajn li taf tarah.

*Kan. Louis Suban*


THE BEST !

Sell, Install & Repair of :
Gypsum Board Ceilings.
Gypsum Bullheads.
Gypsum Partitions.
All Sofit Ceilings.
P.V.C. Wall Panelling.
Roller Insect Screens
P.V.C. Folding Doors.
Shower Cubicals.
Vertical, Roller & Micro Blinds.
Covings.
Skirting, Etc.
Tel: 2123 2845



HOME STYLE
Joether,
Triq Qrejten, Msida.
Tel : 2125 1539
Mobile : 9945 9943